

Emenda 1
Pilar del Castillo Vera
 fisem il-Grupp PPE
Giles Chichester
 fisem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
PPE, ECR

B7-0149/2010

L-investiment fl-iżvilupp ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju (SET-Plan)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

A. billi l-Unjoni Ewropea huwa biss jekk iżżid l-isforzi tagħha biex tiżviluppa portafoll ta' teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli b'livell baxx ta' karbonju li jkollhom prezz raġjonevoli, u jkunu nodfa, effiċjenti u sostenibbli, li tista' tikseb l-objettiv tagħha għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'20%, u bi 30% f'każ ta' ftehim internazzjonali, billi jonqos **il-konsum** tal-enerġija b'20% u tintlaħaq ċifra ta' mill-inqas 20% tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli sal-2020,

A. billi l-Unjoni Ewropea huwa biss jekk iżżid l-isforzi tagħha biex tiżviluppa portafoll ta' teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli b'livell baxx ta' karbonju li jkollhom prezz raġjonevoli, u jkunu nodfa, effiċjenti u sostenibbli, li tista' tikseb l-objettiv tagħha għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'20%, u bi 30% f'każ ta' ftehim internazzjonali, billi jonqos **l-użu** tal-enerġija **primarja** b'20% **f'paragun mal-livelli projettati** u tintlaħaq ċifra ta' mill-inqas 20% tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli sal-2020,

Or. en

Emenda 2**Pilar del Castillo Vera**

f'isem il-Grupp PPE

Giles Chichester

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B7-0149/2010****PPE, ECR**

L-investment fl-iżvilupp ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju (SET-Plan)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa E***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

billi ***fil-qasam tas-sitt Inizjattivi Industrijali Ewropej (EIIs)***, il-Kummissjoni tidentifika bżonn ta' investiment pubbliku u privat tul l-10 snin li ġejjin ta' EUR 6 biljuni għall-enerġija mir-riħ, EUR 16-il biljun għall-enerġija mix-xemx, EUR 2 biljuni għan-netwerks tal-elettriku, EUR 9 biljuni għall-bijoenerġija, EUR 13-il biljun għall-Qabda u l-Ħażna tal-Karbonju (CCS), EUR 7 biljuni għall-fissjoni nukleari u EUR 5 biljuni għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta (JTI) dwar iċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu,

E. billi l-Kummissjoni tidentifika bżonn ta' investiment pubbliku u privat ***għas-sitt Inizjattivi Industrijali Ewropej (EIIs)*** tul l-10 snin li ġejjin ta' EUR 6 biljuni għall-enerġija mir-riħ, EUR 16-il biljun għall-enerġija mix-xemx, EUR 2 biljuni għan-netwerks tal-elettriku, EUR 9 biljuni għall-bijoenerġija, EUR 13-il biljun għall-Qabda u l-Ħażna tal-Karbonju (CCS), EUR 7 biljuni għall-fissjoni nukleari ***sostenibbli kif ukoll finanzjament addizzjonali ta'*** EUR 5 biljuni għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta (JTI) dwar iċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu,

Or. en